A.L. 392 ta' l-2002

ATT TA' L-2002 DWAR IS-SIGURTÀ FL-IKEL (ATT XIV TA' L-2002)

Regolamenti ta' l-2002 dwar Sustanzi li jikkontaminaw fl-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 dwar Sustanzi li jikkontaminaw fl-Ikel u għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta` Marzu, 2003. Titolu u bidu fis-seħħ.

2.1 Dawn ir-regolamenti għandhom x'jaqsmu ma' sustanzi li jikkontaminaw li jkunu fl-ikel. Skop u Applikabilità.

2.2 Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal sustanzi li jikkontaminaw li huma soġġetti għal regolamenti aktar speċifiċi.

3.1 F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx tehtieġ xort'oħra, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin: Definizzjonijiet.

(a) 'sustanza li tikkontamina' tfisser kull sustanza miżjuda mhux apposta ma' l-ikel li tkun fl-ikel b'riżultat tal-produzzjoni (inklużi operazzjonijiet magħmulin fit-tkabbir ta' l-uċuħ tar-raba', fit-trobbija ta' l-annimali, u fil-mediċina veterinarja), manifattura, ipproċessar, preparazzjoni, trattament, ippakkjar, ippakkettjar, trasport jew ħżin ta' ikel ta' dik ix-xorta, jew b'riżultat ta' kontaminazzjoni ambjentali. Materja estranea, bħal ma huma frammenti ta' insetti, xagħar ta' l-annimali, eċċ., ma jaqgħux taħt din id-definizzjoni.

4.1 Ikel li jkun fih sustanza li tikkontamina f'ammont li jkun inaċċettabbli mill-aspett tas-saħħa pubblika u b'mod partikolari f'livell tossoloġiku ma għandux jitqiegħed fis-suq. Dispożizzjonijiet ġenerali.

4.2 Livelli ta' sustanzi li jikkontaminaw għandhom jinżammu kemm jista' jkun raġonevolment baxxi billi jinżammu prattiċi tajbin fl-istadji kollha li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 3.1.

Disposizzjonijiet speċifiċi.

5.1 Il-livelli massimi għal ċerti sustanzi li jikkontaminaw li jkunu f'oġġetti ta' l-ikel indikati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti ma jistgħux jinqabżu. Meta jkunu applikabbli, il-livelli massimi speċifikati japplikaw għall-parti li tittieħel ta' l-oġġetti ta' l-ikel imsemmija.

5.2 Il-metodi uffiċjali ta' teħid ta' kampjuni u l-kriterji ta' kif għandhom jitmexxew il-metodi ta' analiżi għandhom ikunu dawk stipulati fl-Iskeda.

5.3 Fil-każ ta' prodotti, minbarra dawk imsemmija fir-regolament 7.1, li huma mnixxfin, dilwiti, ipproċessati jew komposti minn aktar minn ingredjent wieħed, il-livell massimu applikabbli għandu jkun dak imniżżel fl-Iskeda, waqt li jitqiesu rispettivament:

(a) il-bidliet fil-konċentrazzjoni tas-sustanzi li jikkontaminaw ikkawżati minn proċessi ta' tnixxif jew dilwir,

(b) bidliet fil-konċentrazzjoni tas-sustanza li tikkontamina kkawżati mill-ipproċessar,

(ċ) l-proporzjonijiet relattivi ta' l-ingredjenti fil-prodott, u

(d) l-limitu analitiku ta' kwantifikazzjoni.

L-ewwel sub-paragrafu għandu japplika fil-każijiet meta ma jkunx hemm livelli massimi speċifikati għal dawn il-prodotti mnixxfin, dilwiti, ipproċessati jew komposti.

5.4 Il-livelli massimi speċifikati fl-Iskeda għandhom japplikaw ukoll għal ikel maħsub għat-trabi u tfal żgħar, waqt li titqies il-konċentrazzjoni ta' sustanzi li jikkontaminaw ikkawżata minn tnixxif, dilwir jew ipproċessar u mill-konċentrazzjonijiet relattivi ta' l-ingredjenti fil-prodott.

5.5 Mingħajr preġudizzju għal regolamenti 6.1 u 7.3, hu pprojbit l-użu ta' prodotti bħala ingredjenti ta' l-ikel li ma jaqblux mal-livelli massimi mniżżlin fl-Iskeda fil-produzzjoni ta' oġġetti ta' l-ikel komposti.

Nitrati.

6.1 Is-Suprentendent tas-Saħħa Pubblika, wara konsultazzjoni mad-Direttur responsabbli għas-Saħħa tal-Pjanti u mal-Kap tad-Direttorat responsabbli għal oġġetti ta' l-ikel fl-Awtorità Maltija għal

Standards, jista', meta hekk ġustifikat, jawtorizza, għal perijodu transitorju, it-tqegħid fis-suq ta' ħass frisk u spinaċi friska, mkabbrin u maħsubin għall-konsum f'Malta, li jkollhom livelli ta' nitrat ogħla mil-livelli massimi mniżżlin fl-Iskeda b'dan iżda li kodiċijiet ta' prattika agrikola tajba jkunu applikati biex isir progress gradwali lejn il-livelli stipulati f'dawn ir-regolamenti.

6.2 Il-perijodu transitorju li hemm referenza għalih fir-regolament 6.1 ma jistax jaqbeż l-1 Jannar 2005 fil-każ ta' kull xorta ta' ħass.

7.1 Il-livelli massimi ta' aflatossini applikabbli għall-prodotti, kif imniżżel fil-punti 2(1) u 2(4) ta' l-Iskeda, għandhom japplikaw ukoll għall-prodotti pproċessati minnhom sakemm ma jkunux iffissati limiti massimi speċifiċi għal prodotti pproċessati ta' dik ix-xorta Mikotossini.

7.2 Fir-rigward ta' aflatossini u okratossin A fi prodotti msemmija fil-punt 2 ta' l-Iskeda, hu pprojbit:

(a) li prodotti li jikkonformaw mal-livelli massimi mniżżlin fl-Iskeda jitħalltu ma' prodotti li jaqbżu dawn il-livelli massimi jew li prodotti li se jkunu soġġetti għal teknika ta' ssortjar jew trattament fiżiku jitħalltu ma' prodotti maħsubin għall-konsum tal-bniedem dirett jew bħala ingredjenti f'oġġetti ta' l-ikel,

(b) li jintużaw prodotti li ma jikkonformawx mal-livelli massimi stipulati fil-punt 2 ta' l-Iskeda bħala ingredjenti fil-manifattura ta' oġġetti ta' ikel oħrajn,

(ċ) li prodotti jkun detossifikati bi trattamenti kimiċi.

7.3 Lewż mitħun, lewż u frott imnixxef li ma jikkonformawx mal-livelli massimi ta' aflatossini stipulati fl-ewwel inċiż ta' punt 2 ta' l-Iskeda u ċereali li ma jikkonformawx mal-livelli massimi stipulati fir-raba' inċiż ta' punt 2 jistgħu jitqiegħdu fis-suq sakemm dawn il-prodotti:

(a) 'ma jkunux maħsubin għal konsum tal-bniedem dirett jew biex jintużaw bħala ingredjenti f'oġġetti ta' l-ikel,

(b) ikunu jikkonformaw mal-livelli massimi mniżżlin fit-tieni inċiż ta' punt 2 ta' l-Iskeda fil-każ ta' lewż mitħun u fit-tielet inċiż ta' punt 2 ta' l-Iskeda fil-każ ta' lewż u frott imnixxef,

(ċ) jkunu soġġetti għal trattament sekondarju li jinvolvi ssortjar jew trattamenti fiżiċi oħra u li wara dan it-trattament ma jinqabżux il-limiti massimi mniżżlin fl-ewwel u fir-raba' inċiżi ta'

punt 2 ta' l-Iskeda, u dan it-trattament ma jirriżultax f'residwi oħra li jagħmlu ħsara,

(d) jkollhom tikketta li turi ċar id-destinazzjoni tagħhom, u li jkollha fuqha l-indikazzjoni li l-prodott għandu jkun soġġett għal issortjar jew trattament fiżiku ieħor biex titnaqqas il-kontaminazzjoni mill-aflatossin qabel ma jkun ikkunsmat min-nies jew użat bħala ingredjent f'oġġetti ta' l-ikel'.

Arseniku.

8.1 Il-limiti ġenerali u speċifiċi ta' arseniku mogħtija fil-Parti 6 ta' l-Iskeda m'għandhomx japplikaw għal:

(a) ħut, alka li tista' tittiekel, jew kull prodott li jkun fih ħut jew alka li tista' tittiekel, meta l-arseniku jkun preżenti b'mod naturali f'livelli 'l fuq minn 1 mg/kg f'dak il-ħut jew alka;

(b) kull ikel minbarra xi ikel, ħut jew alka li tista' tittiekel speċifikati li fihom 'il fuq minn 1 mg/kg ta' arseniku, sakemm dak l-eċċess tkun riżultat ta' ikel speċifikat bħala ingredjent, u ż-żjieda fl-arseniku hija proporzjonata għall-ammont ta' ikel speċifikat użat;

(ċ) *hops* jew konċentrati tal-*hops* maħsubin biex jintużaw fil-produzzjoni kummerċjali tal-birra;

(d) kull ikel li l-limitu massimu ta' arseniku fih hu preskritt minn xi provvedimenti oħra.

Ċomb.

9.1 Aktar minn 1 mg/kg ċomb jista' jkun preżenti:

(i) f'ikel li jkun fih żewż ingredjenti jew aktar, sakemm

(a) mhux inqas minn 10% skond il-piż ta' ikel jikkonsisti f'ingredjent li fil-każ tiegħu hi permessa kwantità ogħla ta' ċomb, u

(b) il-limiti speċifikati fl-Iskeda ma jinqabżux kieku l-ingredjenti kellhom jinbiegħu separatament;

(ii) f'taħlita ta' addittivi mħejjija minn qabel magħmula minn taħlita ta' żewġ sustanzi jew aktar biex jintużaw bħala ingredjent fil-preparazzjoni ta' l-ikel, li tkun f'kontenitur li jġib tikketta b'dikjarazzjoni li tidher sewwa, ċara u tinqara tajjeb li tgħid li hu taħlita ta' addittiv imħejji minn qabel u mhux maħsub biex jinbiegħ bl-imnut, sakemm il-limiti speċifikati fl-Iskeda ma jinqabżux kieku l-ingredjenti kellhom jinbiegħu separatament.

Thassir ta' l-A.L. 81 ta' l-2002.

10.1 Ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar Sustanzi fl-Ikel li jikkontaminaw huma b'dan imħassrin.

Skeda

Livelli massimi għal Ċerti Sustanzi li Jikkontaminaw li jkun f'Oġġetti ta' l-Ikel

1. Nitrati

Prodott	Livell massimu (mg NO_3/kg)		Metodu ta' kif jittieħed kampjun	Metodu ta' analiżi ta' referenza
1.1 Spinaċi friska [1] (*Spinacia oleracea*)	Maħsuda 1 ta' Novembru sa 31 ta' Marzu 1 April sa 31 Ottobru	3000 2500	Direttiva 79/700/EEC	
1.2 Spinaċi ppriservata, ffriżata fil-friża jew fil-friġġ		2000	Direttiva 79/700/EEC	
1.3 Ħass frisk (*Lactuca sativa L.*) (ħass imkabbar fil-maghluq jew fil-beraħ) izda mhux ħass imniżżel fil-punt1.4 hawn taht	Maħsud 1 Ottobru sa 31 Marzu: - ħass imkabbar fil-maghluq - ħass imkabbar fil-beraħ Maħsud 1 April sa 30 Settembru: - ħass imkabbar fil-maghluq - ħass imkabbar fil-beraħ	 4500 [2] 4000 2 3500 2 2500 2	Direttiva 79/700/EEC; Iżda l-għadd minimu ta' unitajiet kull kampjun fil-laboratorju hu 10	
1.4 Ħass tat-tip "Iceberg" [3]	Ħass imkabbar fil-maghluq Ħass imkabbar fil-beraħ	2500 2 2000 2	Direttiva 79/700/EEC; Iżda l-għadd minimu ta' unitajiet kull kampjun fil-laboratorju hu 10	

[1] Il-livelli massimi fil-każ ta' spinaċi friska ma japplikawx għal spinaċi friska li tkun se tiġi soġġetta għall-ipproċessar u li tingarr direttament bil-kwantità mill-għalqa għall-impjant ta' l-ipproċessar.

[2] Fin-nuqqas ta' tikkettar adatt, li jindika l-metodu ta' produzzjoni, japplika l-livell stabbilit għal ħass imkabbar fil-beraħ.

[3] Deskritt fir-Regolament tal-Kummissjoni (EC) Numru 1543/2001 tas-27 Lulju 2001, li jispeċifika l-istandard tal-bejgħ tal-ħass u ta' l-indivja tal-weraq mibrum u weraq wiesa' (OJ L 203, 28.7.2001,p.9).

2. Mikotossini

Prodott	Livell Massimu (µg/kg)			Metodu kif jittieħdu l-kampjuni	Kriterji kif jitħaddmu l-metodi ta' analiżi
	B_1	$B_1+B_2+G_1+G_2$	M_1		
2.1 AFLATOSSINI					
2.1.1 Lewż mitħun, lewż u frott imnixxef					
2.1.1.1 Lewż mitħun, lewż u frott imnixxef u prodotti pproċessati minnhom, maħsubin għall-konsum mill-bniedem dirett jew bħala ingredjent f'oġġetti ta' l-ikel	2 [4]	4 [4]	-	Direttiva 98/53/EC	Direttiva 98/53/EC
2.1.1.2 Lewż mitħun li jrid ikun soġġett għall-issortjar jew għal trattament fiżiku ieħor, qabel jittiekel mill-bniedem jew qabel ma jintuża bħala ingredjent f'oġġetti ta' l-ikel	8 [4]	15 [4]	-	Direttiva 98/53/EC	Direttiva 98/53/EC
2.1.1.3 Lewż u frott imnixxef li jrid ikun soġġett għall-issortjar jew għal trattament fiżiku ieħor, qabel jittiekel mill-bniedem jew qabel ma jintuża bħala ingredjent f'oġġetti ta' l-ikel	5 [4]	10 [4]	-	Direttiva 98/53/EC	Direttiva 98/53/EC
2.1.2 Ċereali (inkluż il-qamħ Saracin, Fagopyrum sp.)					
2.1.2.1 Ċereali (inkluż il-qamħ Saraċin, *Fagopyrum* sp.) u prodotti pproċessati minnhom, maħsubin għall-konsum mill-bniedem dirett jew	2	4	-	Direttiva 98/53/EC	Direttiva 98/53/EC

[4] Il-livelli massimi japplikaw għall-parti li tittieħel tal-karawett, lewż u frott imnixxef. Jekk jiġu analizzati lewż bil-qoxra, wieħed għandu jassumi, meta jikkalkula il-kontenut ta' aflatossina, li l-kontaminazzjoni ġejja kollha mill-parti li tittieħel.

Prodott	Livell Massimu (µg/kg)			Metodu kif jittieħdu l-kampjuni	Kriterji kif jitħaddmu l-metodi ta' analiżi
	B_1	$B_1+B_2+G_1+G_2$	M_1		
bħala ingredjent f'oġġetti ta' l-ikel					
2.1.2.2 Ċereali (inkluż il-qamħ Saraċin, *Fagopyrum* sp.) għandhom ikunu soġġetti għal issortjar, jew għal trattament fiżiku ieħor, qabel jittieklu min-nies jew jintużaw bħala ingredjenti f'oġġetti ta' l-ikel	2	4	-	Direttiva 98/53/EC	Direttiva 98/53/EC
2.1.3 Ħalib nej					
Ħalib nej, ħalib għall-manifattura ta' prodotti b'bażi ta' ħalib u ħalib imsaħħan	-	-	0.05	Direttiva 98/53/EC	Direttiva 98/53/EC
2.1.4 Ħwawar					
L-ispeċi ta' ħwawar li ġejjin: – *Capsicum* spp. (frott imnixxef magħmul minnu, sħiħ jew mitħun, inklużi bżar aħmar, trab tal-bżar aħmar, *cayenne* u paprika) – *Piper* spp. (frott tiegħu, inklużi bżar abjad u iswed) – *Myristica fragrans* (noċemuskata) – *Zingiber officinale* (ġinġer) – *Curcuma longa* (żagħfran ta' l-Indja)	5	10	-	Direttiva 98/53/EC	Direttiva 98/53/EC

Prodott	Livelli massimi (µg/kg jew ppb)	Metodu kif jittieħdu l-kampjuni	Kriterji kif jitħaddmu l-metodi ta' analiżi
2.2 OKRATOSSIN A			
2.2.1 Ċereali (inklużi ross u qamħ Saraċin) u prodotti derivati miċ-ċereali			
2.2.1.1 Żrieragħ taċ-ċereali nejjin (inklużi ross nej u qamħ Saraċin)	5	Direttiva tal-Kummissjoni 2002/27/EC [5]	Direttiva tal-Kummissjoni 2002/27/EC
2.2.1.2 Il-prodotti kollha derivati miċ-ċereali (inklużi prodotti taċ-ċereali pproċessati u żrieragħ taċ-ċereali maħsubin għall-konsum dirett mill-bniedem)	3	Direttiva tal-Kummissjoni 2002/27/EC	Direttiva tal-Kummissjoni 2002/27/EC
2.2.2 Frott tad-dielja mnixxef			
2.2.2.1 Frott tad-dielja mnixxef (passolina, żbib u sultana)	10	Direttiva tal-Kummissjoni 2002/27/EC	Direttiva tal-Kummissjoni 2002/27/EC

[5] OJ L 75, 16.3.2002, p. 44.

3. Metalli tqal

Prodott	Livell massimu (piż nett f' mg/kg)	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fit-teħid ta' kampjuni	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fil-metodi ta' analiżi
3.1 COMB (Pb)			
Ħalib tal-baqra (Ħalib mhux pasturizzat, ħalib għall-manifattura ta' prodotti b'bażi ta' ħalib u ħalib imsaħħan)	0.02	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Ħalib magħqud (inkluż ħalib tal-bott)	0.5	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Zokkor b'kontenut ta' rmied bis-sulfat li ma jaqbiżx 0.25 fil-mija tal-materja niexfa	0.5	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Zokkor b'kontenut ta' rmied bis-sulfat li jaqbeż iz-0.25 fil-mija tal-materja niexfa iżda ma jaqbiżx il-1.0 fil-mija tal-materja niexfa	1.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Zokkor b'kontenut ta' rmied bis-sulfat li jaqbeż il-1.0 fil-mija tal-materja niexfa iżda mhux biex ikun raffinat aktar	5.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Zokkor b'kontenut ta' rmied bis-sulfat li jaqbeż il-1.0 fil-mija tal-materja niexfa biex ikun raffinat aktar	10.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Trab tal-kawkaw	2.0 (ikkalkulat fuq is-sustanza niexfa ħielsa mix-xaħam))	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Te	5.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Formoli għat-trabi u formoli għall-prosegwiment	0.02	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Ikel għat-trabi ieħor (ikel ippreparat apposta għat-trabi u tfal żgħar u deskritt espressament jew b'implikazzjoni bħala tali, minbarra formoli għat-trabi u formoli għall-prosegwiment, qriemeċ u ikel għat-trabi mnixxef, deidrat jew konċentrat)	0.2	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC

Prodott	Livell massimu (piż nett f' mg/kg)	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fit-tehid ta' kampjuni	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fil-metodi ta' analiżi
Qrieme ċ	0.5	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Laħam ta' l-ifrat, nagħaġ, majjali u tjur	0.1	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Il-ġewwieni li jittiekel ta' għanem, nagħaġ, majjali u tjur	0.5	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Corned beef	2.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Tjur tal-kaċċa, patè tat-tjur tal-kaċċa	10.0 (mingħajr frak żgħir ta' ċomb ta' l-iskratać)	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Laħam tal-muskoli tal-ħut, iżda mhux ta' speċi ta' ħut speċifikati fil-lista fl-entrata ta' wara din	0.2	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Laħam tal-muskoli tal-plamtu (*Sarda sarda*), xirgien (*Diplodus vulgaris*), sallur (*Anguilla anguilla*), mulett kaplat (*Mugil labrosus labrosus*), *grunt* (*Pomadasys benneti*), sawrell jew *scad* (*Trachurus trachurus*), sardin (*Sardina pilchardus*), *sardinops* (*Sardinops species*), spnott tat-tikka (*Dicentrarchus punctatus*), tonn (*Thunnus species* u *Euthynnys species*), *wedge sole* (*Dicologoglossa cuneata*)	0.4	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Molluski bivalvi	1.5	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Ħut imnixxef	5.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Krustaċej, minbarra l-laħam kannella tal-granċ	0.5	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Frott tal-baħar bil-qoxra ieħor	10.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Ċefalopodi (bla vixxri)	1.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Ċereali (inkluż qamħ Saraċin), legumi u legumi mnixxfin	0.2	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC

Prodott	Livell massimu (piż nett f' mg/kg)	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fit-teħid ta' kampjuni	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fil-metodi ta' analiżi
Ħxejjex, minbarra *brassica*, ħxejjex bil-weraq, ħwarar friski u l-fungi kollha. Fil-każ tal-patata, il-livell massimu japplika għall-patata mqaxxra	0.1	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Brassica, ħxejjex bil-weraq u l-fungi kkultivati kollha	0.3	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Frott, minbarra *berries* u frott irqiq	0.1	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Berries u frott irqiq	0.2	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Frott jew ħaxix imnixxef jew deidrat	2.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Ħwawar imnixxfin, ħwawar (inklużi ħwawar mitħunin u trab tal-kari) u mustarda (inkluża mustarda ppreparata)	10.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Pikles u zlazi	2.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Purea tat-tadam, f'forma ta' pasta jew trab,li l-kontenut totali ta' solidi fiha ma jkunx inqas minn 15 fil-mija imma inqas minn 25 fil-mija	2.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Purea tat-tadam, f'forma ta' pasta jew trab,li l-kontenut totali ta' solidi fiha ma jkunx inqas minn 25 fil-mija	3.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Glacé angelica	2.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Proteini idrolizzati	2.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Ħmira, prodotti tal-ħmira, minbarra estratti tal-ħmira	5.0 (ikkalkulati skond il-materja niexfa)	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Estratti tal-ħmira	2.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Hops	10.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Xaħmijiet u żjut, inkluż xaħam tal-ħalib	0.1	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Meraq tal-frott, meraq tal-frott ikkonċentrat (għal konsum dirett) u nettan tal-frott	0.05	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC

Prodott	Livell massimu (piż nett f' mg/kg)	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fit-tehid ta' kampjuni	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fil-metodi ta' analiżi
Xarbiet ħfief għall-konsum bla ma jkunu dilwiti	0.2	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Xorb mhux alkoħoliku, lest biex jinxorob, li ma jkunx speċifikat mod ieħor	0.2	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Nbejjed (inklużi nbejjed ifexfxu iżda mhux likuri), nbejjed aromatizzati, xarbiet b'bażi ta' nbid aromatizzati u koktejls prodotti mill-inbid aromatizzati, u nbejjed magħmulin mis-sidru, meraq imħemmer tal-lanġas u frott. Il-livell massimu japplika għal prodotti meħudin mill-ħsad tal-frott tas-sena 2001 'il quddiem	0.2	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Birra	0.2	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Brandi, ġnibru, ġinn, rum, wiski, vodka	0.2	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Silġiet ta' l-ilma jew konfezzjonijiet iffriżati oħra ta' din ix-xorta	0.2	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Ġelati jew konfezzjonijiet iffriżati oħra ta' din ix-xorta (minbarra silġiet ta' l-ilma u konfezzjonijiet iffriżati oħra ta' din ix-xorta)	0.5	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Ħwawar	10.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Sustanzi kimiċi biex jintużaw f'oġġetti ta' l-ikel jew magħhom u mhux speċifikati xort'oħra	10.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Oġġetti ta' l-ikel oħra, bla ħsara għal regolament 9.1	1.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC

Prodott	Livell massimu (piż nett f' mg/kg)	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fit-teħid ta' kampjuni	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fil-metodi ta' analiżi
2. KADMJU (Cd)			
Laħam ta' l-ifrat, nagħaġ, majjali u tjur minbarra l-ġewwieni tagħhom	0.05	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Laħam taż-żiemel	0.2	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Fwied ta' l-ifrat, nagħaġ, majjali u tjur	0.5	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Kliewi ta' l-ifrat, nagħaġ, majjali u tjur	1.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Laħam tal-muskoli tal-ħut, iżda mhux ta' speċi ta' ħut speċifikati fil-lista fl-entrata ta' wara din	0.05	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Laħam tal-muskoli tal-plamtu (*Sarda sarda*), xirgien (*Diplodus vulgaris*), sallur (*Anguilla anguilla*), inċova (*Engraulis encrasicholus*), mulett kaplat (*Mugil labrosus labrosus*), sawrell jew *scad* (*Trachurus trachurus*), *louvar* jew *luvar* (*Luvarus imperialis*), sardin (*Sardina pilchardus*), *sardinops* (*Sardinops species*), tonn (*Thunnus species* u *Euthynnys species*), *wedge sole* (*Dicologoglossa cuneata*)	0.1	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Krustaċej, minbarra l-laħam kannella tal-granċ u minbarra l-laħam tar-ras u t-toraċi ta' l-awwista u ta' krustaċej kbar ta' din ix-xorta (*Nephropidae* u *Palinuridae*)	0.5	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Molluski bivalvi	1.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Ċefalopodi (bla vixxri)	1.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Ċereali, minbarra nuħħala, raħs, żerriegħa tal-qamħ u ross	0.1	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Nuħħala, raħs, żerriegħa tal-qamħ u ross	0.2	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC

Prodott	**Livell massimu (piż nett f' mg/kg)**	**Kriterji ta' kif jirreaġixxu fit-tehid ta' kampjuni**	**Kriterji ta' kif jirreaġixxu fil-metodi ta' analiżi**
Sojja	0.2	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Ħxejjex u frott, minbarra ħaxix bil-weraq, ħwawar friski, il-fungi kollha, ħaxix biz-zokk, ħaxix bl-għeruq u patata	0.05	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Ħaxix bil-weraq, ħwawar friski, *celeriac* u kull fungu kkultivat	0.2	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Ħaxix biz-zokk, ħaxix bl-għeruq u patata (mqaxxra), minbarra *celeriac*	0.1	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC

Prodott	Livell massimu (piż nett f' mg/kg)	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fit-tehid ta' kampjuni	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fil-metodi ta' analiżi
3. MERKURJU (Hg)			
Prodotti mill-ħut, minbarra dawk fl-entrata li ġejja	0.5	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Peṙiċa tat-tbajja' (*Lophius* spp.) *Atlantic catfish* (*Anarhichas lupus*) Spnott (*Dicentrarchus labrax*) Molva blu (*Molva dipterygia*) Plamtu (*Sarda* ssp.) Sallur (*Anguilla* spp.) *Emperor* jew *orange roughy* (*Hoplostethus atlanticus*) Granadier (*Coryphaenoides rupestris*) Ħalibatt (*Hippoglossus hippoglossus*) Marlin (*Makaira* spp.) Lizz (*Esox lucius*) Tumbrell (*Orcynopsis unicolor*) *Portuguese dogfish* (*Centroscymnes coelolepis*) Rajji (*Raja* spp.) Salamun raġel (*Sebastes marinus, S. mentella, S. viviparus*) *Sail fish* (*Istiophorus platypterus*) Fjamma (*Lepidopus caudatus, Aphanopus carbo*) Kelb il-baħar (kull speċi) *Snake mackarel* (*Lepidocybium flavobrunneum, Ruvettus pretiosus, Gempylus serpens*) Storjun (*Acipenser* spp.) Pixxispad (*Xiphias gladius*) Tonn (*Thunnus* spp. u *Euthynnus* spp.)	1.0	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
4. LANDA (Sn)			
Ikel fil-bottijiet	200		

Prodott	Livell massimu (piż nett f' mg/kg)	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fit-teħid ta' kampjuni	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fil-metodi ta' analiżi
5. ARSENIKU (As)			
Xarbiet mhux alkoħoliċi, lesti biex jinxarbu u mhux speċifikati mod ieħor f'din l-Iskeda	0.1		
Xarbiet alkoħoliċi, mhux speċifikati mod ieħor f'din l-Iskeda	0.2		
Birra sewda, u taħlitiet ta' birra sewda u rum	0.5		
Xarbiet mhux alkoħoliċi maħsubin biex jinxarbu wara li jkunu dilwiti, u meraq tal-frott mhux dilwit (inklużi konċentrati)	0.5		
Ġelati, konfezzjonijiet iffriżati u prodotti oħra ta' din ix-xorta	0.5		
Basal, deidrat	2.0		
Hops, imnixxef, minbarra dak maħsub għall-produzzjoni kummerċjali tal-birra	2.0		
Likurizja (estratt imnixxef)	2.0		
Ġelatina	2.0		
Ħmira u prodotti tal-ħmira minbarra ħmira tal-birrara maħsuba għall-manifattura ta' prodotti tal-ħmira	2.0 (ikkalkulat skond il-materja niexfa)		
Ħmira tal-birra maħsuba biex tintuża mill-manifatturi fil-manifattura ta' prodotti tal-ħmira	5.0 (ikkalkulat skond il-materja niexfa)		
Ċikwejra (mnixxfa u mixwija)	4.0		
Ħwawar (mnixxfin)	5.0		
Finings u *clearing agents*	5.0		
Hops u konċentrati minbarra dawk maħsubin biex jintużaw fil-produzzjoni kummerċjali tal-birra	5.0		
Ħwawar, inkluża l-mustarda	5.0 (ikkalkulat skond il-materja niexfa)		
Ħwawar	3.0		

Prodott	Livell massimu (piż nett f' mg/kg)	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fit-tehid ta' kampjuni	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fil-metodi ta' analiżi
Sustanzi kimiċi biex jintużaw f'oġġetti ta' l-ikel jew magħhom u mhux speċifikati mod ieħor	2.0		
Oġġetti ta' l-ikel oħra, bla ħsara għar-regolament 8.1	1.0		

5. Diossini

Diossin (total ta' dibenzo-*para*-diossini poliklorinati (PCDDs) u dibenzofurani poliklorinati (PCDFs) espressi f'ekwivalenti tossiċi ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħain (WHO), bl-użu tal-WHO-TEFs (fatturi ta' ekwivalenza tossika, 1997)

Products	Livelli massimi (PCDD + PCDF) [6] pg WHO-PCDD/F-TEQ/g xaħam jew prodott)	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fit-teħid ta' kampjuni	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fil-metodi ta' analiżi
Laħam u prodotti tal-laħam [7] li joriġinaw minn — Annimali li jixtarru (animali ta' l-ifrat, nagħaġ) — Tjur u annimali tal-kaċċa mrobbijin fl-irziezet — Ħnieżer Fwied u prodotti derivati minnu	3 pg WHO-PCDD/F-TEQ/g fat [8] 2 pg WHO-PCDD/F-TEQ/g fat 8 1 pg WHO-PCDD/F-TEQ/g fat 8 6 pg WHO-PCDD/F-TEQ/g fat 8		
Laħam tal-muskoli tal-ħut u prodotti mill-ħut[9] u prodotti tagħhom	4 pg WHO-PCDD/F-TEQ/g piż meta friski		
Ħalib [10] u prodotti tal-ħalib, inkluż xaħam tal-butir	3 pg WHO-PCDD/F-TEQ/g fat 8		
Bajd tat-tiġieġ u prodotti tal-bajd [11] [12]	3 pg WHO-PCDD/F-TEQ/g fat 8		

[6] Konċentrazzjonijiet *upperbound*; konċentrazzjonijiet *upperbound* huma kkalkulati skond l-assunzjoni li l-valuri kollha tal-*congeners* differenti meta tnaqqas minnhom il-limitu ta' determinazzjoni huma ugwali għal-limitu ta' determinazzjoni.

[7] Laħam ta' annimali tal-farm, nagħaġ, ħnieżer, tjur u annimali tal-kaċċa miżmumin fi rziezet kif definit fl-Artiklu 2(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 64/433/EEC (OJ L 121, 29.7.1964, p. 2012/64), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 95/23/EC (OJ L 243, 11.10.1995, p. 7) u l-Artiklu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 71/118/EEC (OJ L 55, 8.3.1971, p. 23), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/64/EC (OJ L 24, 30.1.1998, p.31), u l-Artiklu 2(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/495/EEC (OJ L 268, 24.9.1991, p. 41) kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 94/65/EC (OJ L 368, 31.12.1994, p. 10), minbarra l-ġewwieni ta' l-annimali li jista' jittiekel kif definit fl-Artiklu 2(e) tad-Direttiva 64/433/EEC u fl-Artiklu 2(5) tad-Direttiva 71/118/EEC.

[8] Il-livelli massimi ma japplikawx għal prodotti ta' ikel li fihom < 1 % xaħam.

[9] Laħam tal-muskoli tal-ħut u prodotti mill-ħut kif definiti fil-kategoriji (a), (b), (c), (e) u (f) tal-lista fl-Artiklu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 104/2000 (OJ L 17, 21.1.2000, p. 22). Il-livell massimu japplika għal krustaċej minbarra l-laħam kannella tal-granċ u ċefalopodi bla vixxri.

[10] Ħalib (ħalib nej, ħalib għall-manifattura ta' prodotti b'bazi ta' ħalib u ħalib ittrattat bis-shana).

Products	Livelli massimi (PCDD + PCDF) [6] pg WHO-PCDD/F-TEQ/g xaħam jew prodott)	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fit-teħid ta' kampjuni	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fil-metodi ta' analiżi
Żjut u xaħmijiet			
– Xaħam ta' l-annimali			
– minn annimali li jixtarru	3 pg WHO-PCDD/F-TEQ/g fat		
– minn tjur u annimali tal-kaċċa mrobbijin fl-irziezet	2 pg WHO-PCDD/F-TEQ/g fat 1 pg WHO-PCDD/F-TEQ/g fat		
– minn ħnieżer	2 pg WHO-PCDD/F-TEQ/g fat		
– xaħam ta' l-annimali mħallat	0,75 pg WHO-PCDD/F-TEQ/g fat		
– Żejt veġetali	2 pg WHO-PCDD/F-TEQ/g fat		
– żejt tal-ħut maħsub għal konsum uman			

[11] Bajd tat-tiġieġ u prodotti tal-bajd kif definiti fl-Artiklu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 89/437/EEC (OJ L 212, 22.7.1989, p. 87), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 96/23/EC (OJ L 125, 23.5.1996, p. 10).

[12] Bajd minn tiġieġ imrobbijin fil-berah jew b'metodi semi-intensivi kif definit fl-Artiklu 18 tar-Regolament tal-Kummissjoni (EEC) Numru 1274/91 (OJ L 121, 16.5.1991, p. 11), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (EC) Numru 1651/2001 (OJ L 220, 15.8.2001, p. 5), għandu jikkonforma mal-livell massimu preskritt sa mill-10 ta' Jannar 2004.

6. Other contaminants

Prodott	Livell massimu (piż nett mg/kg)	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fit-tebid ta' kampjuni	Kriterji ta' kif jirreaġixxu fil-metodi ta' analiżi
1) 3-MONOKLORU-PROPAN-1,2-DIOL (3-MCPD)			
Proteina veġetali idrolizzata [13]	0.02	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC
Zalza tas-sojja [13]	0.02	Direttiva 2001/22/EC	Direttiva 2001/22/EC

[13] Il-livell massimu jinghata ghall-prodott likwidu li jkun fih 40% materja niexfa, li tikkorrispondi ghal livell massimu ta' 0.05 mg/kg f'materja niexfa. Il-livell jehtieg ikun aggustat proporzjonatament skond il-kontenut ta' materja niexfa tal-prodotti.